MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 666/2003

**A B C f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Du E, ahwa C**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati b' digriet tat-23 ta' Jannar 2003 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti F DC**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fir-Registru ta' Evesham, l-Ingilterra, fit-28 ta' Mejju, 1997 (vide Dok. 'A').

Peress illi sussegwentement dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta – Att Nru. 756/1997 (vide Dok 'B').

Peress illi miz-zwieg taghhom il-kontendenti kellhom zewg ulied, Dta’ tliet (3) snin u E ta’ sentejn.

Peress illi wara xi zmien ta’ hajja matrimonjali felici, il-konvenut beda jabbanduna l-familja u beda jaghtiha ghall-hrug u s-sokor sakemm eventwalment huwa telaq minn Malta u halla warajh lill-esponenti u lil uliedu minuri f’Jannar tas-sena 2002.

Peress illi l-konvenut ma jivversa ebda manteniment ghall-attrici u uliedu minuri u l-attrici lanqas biss taf x’qed jaghmel u fejn qed joqghod precizament.

Peress illi di fatti l-attrici tghix bl-assistenza socjali;
Peress illi l-konvenut halla warajh dejn kbir illi in parte gie saldat bil-bejgh tad-dar matrimonjali;

Peress illi l-attrici llum tghix gewwa post mikri, 188, Tarah’s Lodge No. 2, Triq is-Saghtar, Mellieha;

Peress illi l-esponenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi b’din il-kawza (vide Dok. ‘C’);

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ‘a mensa et thoro’ minhabba ingurji gravissimi u abbandun da parti tal-konvenut;

2. Tiddikjara illil-konvenut huwa unikament hati tal-firda u ghalhekk ghandu jitlef l-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili;

3. Tistabilixxi d-data meta l-konvenut ghandu jigi dikjarat hati tal-firda u tikkommina kontra l-istess konvenut l-estremi kollha previsti mill-ligi;

4. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti u tassenjaha bejn il-partijiet, mhux necessarjament partijiet ugwali u bl-

applikazzjoni tas-sanzjonijiet li jispettaw lill-konvenut skond il-ligi;

5. Takkorda lill-attrici l-kura u kustodja tal-ulied minuri Du E;

6. Tiffissa retta alimentarja pagabbli mill-konvenut lill-attrici, ghaliha personali u ghal uliedha minuri, fl-eventwalita' illi huwa jirritorna Malta u jkun qed jahdem bi qliegh, filwaqt li tiddikjara illi fil-prezent minhabba fic-cirkostanzi ottenenti ebda retta alimentari ma tista' tigi imposta;

7. Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti l-ohra kollha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li f' dan l-istadju huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz, u rriservaw li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-assenti ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lilu.

Mill provi rrizulta li l-partijiet zzewwgu fit-28 ta' Mejju 1997 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal li ghadhom minorenni. Wara ftit ta' zmien il-hajja matrimonjali bejn il-koppja bdiet tiddegenera minhabba komportament abusiv da parti ta' l-assenti fil-konfront ta' l-attrici. Huwa kellu l-vizzju tax-xorb u wara ftit beda johrog wahdu u jdum tard bil-lejl; gieghli wkoll ghamel il-lejl barra, filwaqt li l-attrici

kienet tkun id-dar mat-tifel taghha u kienet tqila bit-tieni wiehed. L-attrici tghid ukoll li l-assenti kien jiffrekwenta nisa ohra u okkazzjoni minnhom kien mar l-Ingilterra ma’ mara ohra taparsi biex jara lill-genituri tieghu. Sussegwentement f’ Jannar tas-sena 2002 huwa mar l-Ingilterra u ma regax irritorna Malta.

L-attrici tghid li minn dak iz-zmien huwa qatt ma rega’ rritorna lura Malta u qatt ma baghat ebda manteniment la ghaliha u lanqas ghat-tfal. Sadanittant l-attrici kellha tbigh id-dar konjugali mixtrija fiz-zwieg, sabiex thallas id-dejn li kien hemm fuqha, u kellha tiehu self fuq isimha personali sabiex thallas id-dejn li l-assenti kien halla mad-Dipartiment tal-VAT fuq in-negozju tieghu.

Illi dawn il-fatti ma gewx kontradetti bl-ebda mod mill-assenti; inoltre l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi in kontro ezami u taghtiha affidament.

Mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza sevizzi u ingurja gravi da parti ta’ l-assenti fil-konfront ta’ l-attrici; oltre l-abbandun minghajr gusta kawza fit-termini ta’ l-Artikolu 41 tal-Kap.12.

Jigi osservat li l-fatt li l-assenti kellu l-vizzju tax-xorb u konsegwenzjalment kien jitraskura lill-attrici li kellha tfendi ghar-rasha b’ zewgt it-tfal, u sahansitra anke fiz-zmien li kienet tqila bit-tieni tarbija, u abbandunaha kompletament minghajr ma baghat ebda manteniment la ghaliha u lanqas ghal uliedhom, u di piu’ halla lill-attrici thabbat wiccha ma’ dejn sostanzjali, kemm fuq id-dar kif ukoll in konnessjoni man-negozju tieghu; dan il-kwadru tal-fatti jikkostitwixxi kemm mohqrija fil-konfront ta’ l-attrici kif ukoll ingurja gravi. Inoltre, hemm l-allegazzjoni mhux kontraddetta li matul iz-zwieg l-assenti kien jiffrekwenta nisa ohra.

Ghaldaqstant ghandu jirrizulta car li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment bi htija esklussiva ta’ l-assenti.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti a mensa et thoro ghar-ragunijiet fuq premessi mputabbli esklussivament lill-konvenut assenti; u dana mill-31 ta’ Jannar 2002

[2] tapplika fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu, u l-Artikolu 51 ta’ l-istess kap;
[3] tiddikjara l-komunjoni ta’ l-akkwisti xjolta mill-imsemmija data, u, filwaqt li tiddikjara li fl-assi komunitarju hemm biss passiv, tassenja dan il-passiv li ghad baqa’ lill-assenti stante li l-attrici hallset parti sostanzjali mid-dejn li halla warajh l-assenti, inkluz dak relattiv ghan-negozju gestit minnu, u anke tenut kont tal-fatt li mill-imsemmija data l-assenti ma baghat ebda manteniment lanqas ghal uliedu; ghaldaqstant id-dejn kollu rimanenti u ezistenti llum mal-Bank of Valletta u mal-HSBC ghandu jigi assunt kollu mill-istess assenti;

[3] takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Du E lill-attrici; bi dritt ta’ access lill-missierhom assenti; filwaqt li l-modalita’ ta’ l-access qeda tigi riservata u ghandha tigi stabbilita’ minn din il-Qorti fuq applikazzjoni ta’ xi wahda mill-partijiet fid-dawl tas-sitwazzjoni vigenti f’ dak iz-zmien;

[4] taffirma d-dritt ta’ l-attrici li tircevi minghand l-assenti manteniment ghaliha u ghal uliedhom; izda, fin-nuqqas ta’ provi in propositu ghal quantum, tastjeni milli tiffissa retta alimentarja;

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-assenti, hlief dawk relattivi ghal kuraturi deputati li ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------